**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit**

Il-Pulizija
(Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi)

Vs

Alexander Agius

Illum 13 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti :-

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Alexander Agius, iben Mario u Frances nee Cini, imwieled Attard fit-23 ta' Frar, 1971 u residenti 24, Triq San Duminku, Attard u detentur ta' l-karta ta' l-Identita' numru 111971 M.

Talli fit-18 ta' Novembru, 2016 ghal ħabta ta' 11.15 hrs f'Dawret il-Mellieha, Mellieha saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBI 341;

1. U b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma' vettura numru FCG 045 u involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Michael Bonello.
2. U aktar meta b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Michael Bonello skont kif iccertifika Dr. Sarah Cuschieri M.D. Reg no. 3573 mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat mill-licenzji

kollha tiegħu tas-sewqan.

Il-Qorti:

Rat l-affidavit ta' WPS 223 c. Calleja u l-PIRS Report.

Waqt is-seduta l-Prosekuzzjoni ezebiet akkuza gdida u l-imputat gie notifikat seduta stante.

F'dan l-istadju l-imputat accetta li l-proceduri jibqgħu ghaddejjin illum stess.

Xehdu bil-gurament: WPS 223, Michael Bonello u Emanuel Farrugia.

F'dan l-istadju l-Ispettur ezebit Dok SZA, referta tat-tabiba Sarah Cuschieri fejn jirrizulta li hija tahrika negattiva u talbet differiment sabiex ix-xhud tigi mharka darba ohra.

L-Ispettur irrilevat li dan ix-xhud huwa indispendabbli ghal Prosekuzzjoni.

Id-difiza irrimettiet ruhha.

Il-Qorti cahdet it-talba stante n-natura sommarja tal-kaz u specifikatament li ghalkemm ir-referta tat-tabiba hija negattiva mill-24 ta' Ottubru, 2017 kien hemm zmien bizzejjed biex tigi rintraccata u ma kien hemm xejn li jzomm lil istess Prosekuzzjoni li tezebixxi certifikat jew affidavit ta' l-istess tabiba u b'hekk dan kollu jindika li dan ix-xhud ma huwiex indispensabbli ghal Prosekuzzjoni u jinghad ukoll li din hija kawza sommarja u li l-imputat ghandu dritt jippretendi li f'seduta waħda jingiebu l-provi kollha u mhux minhabba nuqqas ta' l-Prosekuzzjoni jittiella' darba oħra.

Il-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma ghandhiex iktar provi x'tipproduci.

F'dan l-istadju xehed bil-gurament l-imputat Alexander Agius li pprezenta certifikat ta' x-xufiera ezebit bhala Dok AA1.

Ghaldaqstant, il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet;

Rat il-provi.

Rat id-dokumenti pprezentati.

Issib lil imputat hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u timmultah € 500 b’sitt xhur zmien ghal ħlas.

It-tieni imputazzjoni ma tirrizultax u allura qed tilliberah minnha.

DR. YANA MICALLEF STAFRACE
MAGISTRAT